SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TMINTAX**

**21 ta' Marzu, 2011**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-5.40 ta' filgħaxija.

## PREŻENTI

Is-Sindku Etienne Bonello DuPuis u l-Kunsilliera Rita Saliba, Joan Farrugia, Marica Bayliss u Neville Mallia.

## APOLOGIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))

Il-Vici Sindku David Dalli u l-Kunsilliera Anthony Mifsud Bonnici, Violet Bajada u Mikhail Micallef avzaw li ma setghux jattendu minhabba ragunijiet personali.

Il-Kunsill ikkunsidra l-apologija taghhom bhala ragonevoli.

## ASSENTI

Ic-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara.

## UFFIĊJAL PREŻENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPius ippresjeda.

Fuq proposta tas-Sindku, l-Kunsill qabel li jibdel l-ordni tal-gurnata u jibda jitratta minn *item* numru tnejn fuq l-agenda.

**18.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

18.2.1 Is-Sindku informa lil Kunsill b'laqgha li kellu ma' rapprezentanti tal-kumpanija GreenMT fejn kienu diskussi l-instalazzjoni ta' tlett *CCTV* ma' *bring-in-sites* f'San Gwann, kif ukoll suggetti ohra bhal notifikazzjonijiet dwar rimi ta' skart illegali, sit biex isir ir-rimi tal-hgieg, *bins* partikolari fejn il-*housing estates* kif ukoll installazzjoni ta' *billboard* elettronika.

18.2.2 Il-Kunsill kien infurmat li kienet sottomessa l-applikazzjoni ghal progett taht l-iskema tal-Awtorita tad-Djar fir-rigward ta' Misrah Awrikarja u li kien se jinbeda l-ezercizzju mill-Perit tal-Kunsill fir-rigward tal-iskema l-ohra ghal manutenzjoni tal-partijiet komuni tal-blokkok kollha.

18.2.3 Il-Kunsill kien infurmat li giet approvata l-iskema tat-traffiku ghal Triq il-~~Gallina~~ *Gawdieri*.

**Emendat Laqgha 20**

18.2.4 Fir-rigward tal-applikazzjoni ghal fondi taht il-*UIF*, il-Kunsill kien infurmat li mistennija ssir laqgha mac-*Chairman* tal-MEPA.

18.2.5 Il-Kunsill iddiskuta l-offerta li saret mill-*Paying Agency*, MRRA dwar is-sottomissjoni tieghu li kienet saret taht il-Mizura 313 u 323, fejn issa kien qed jinghata l-opportunita li jinghata madwar €41,000 sabiex jaghmel it-tieni fazi ta' zewg progetti izda li dan ifisser li ma jkunx jista japplika ghal fondi taht is-sejha l-gdida.

18.2.6 Kien inottat illi l-progett taht l-ewwel fazi peress kien l-izjed bzonnjuz u li minghjaru ma kienx jaghmel sens li jinghataw fondi biex titwettaq it-tieni fazi.

18.2.7 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

*18.2.8 "Wara li l-Kunsill ikkunsidra illi l-fondi li qed jigu proposti li jinghataw huma ghat-tieni fazi biex isiru xoghlijiet ta' dawl, pontijiet tal-injam u sinjali fil-mithna ta' taht u l-cart ruts rispettivament, jinotta li ma gewx indirizzati l-objettivi primarji*

*tal-applikazzjoni li jkun hemm ir-restawr ta' dan iz-zewg siti, u ghalhekk ma jaqbilx li jacetta dan il-fond u jkompli l-applikazzjoni tieghu ghal zvilupp fuq is-sit tal-mithna ta' taht l-art."*

18.2.9 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u approvata bi tlett voti favur u zewg astenzjonijiet.

18.2.10 Fir-rigward tal-attivitajiet li qed jipprepara l-Kunsill, irrizulta li minn laqgha ta' ko-ordinament li se jidhlu regolamenti godda bid-dhul tas-sistema l-gdida tat-trasport, fejn kien hemm qbil li dawn jigu vverifikati mal-TM.

18.2.11 Il-Kunsill iddiskuta l-iskema li dahal ghalija mal-kumpanija *Coca-Cola*, fejn kien hemm qbil li dahal ghal tali participazzjoni izda li se jillimita iktar il-hin minhabba nuqqas ta' rizorsi.

18.2.12 Il-Kunsill wara li kien informat li se jattendu diversi persuni u dawn li se jingiebu minn Kunsilli Ghawdxin, "flimkien ma' ohrajn biex jizfnu fil-Karnival taghna" illi jinghataw xi *refreshments*.

**Emendat Laqgha 20**

## 18.3 Diskussjoni u Approvazzjoni: Estimi Annwali ghal 2011

18.3.1 Il-Kunsill iddiskuta l-abbozz aggornat tal-Estimi Annwali ghas-sena 2011.

18.3.2 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

*18.3.3 "Il-Kunsill japprova l-Estimi Annwali ghas-sena 2011, kifipprezentati."*

18.3.4 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u ghaddiet bi tlett voti favur u zewg astenzjonijiet.

## 18.4 Rapport dwar id-decizjonijiet tal-Kumitat tal-Kappara

18.4.1 Il-Kunsill kien aggornat bid-decizjonijiet mehuda mill-Kumitat tal-Kappara fis-seduti tieghu.

18.4.2 Il-Kunsill iddiskuta mill-gdid is-sitwazzjoni dwar l-offerta li nharget fir-rigward ta' xoghlijiet fi Gnien G.M. Camilleri, fejn kien infurmat li nghata l-parir tal-avukat tal-Kunsill u li dan kien

mghoddi lid-Dipartiment ghal Gvern Lokali ghal kummenti tieghu.

18.4.3 Kien iccarat li din l-offerta ma kinitx giet aggudikata.

**18.5 Rapport mill-Bord tal-Ghazla dwar ingagg ta' APO**

18.5.1 Is-Sindku, bhala c-chairperson tal-bord, informa lil Kunsill li wara s-sejha nterna bejn il-Kunsilli Lokali kienu dahlu zewg applikazzjonijiet.

18.5.2 Meta dawn issejhu ghal intervista mill-bord, wahda mill-applikanti nfurmat li ma kinitx iktar interessata filwaqt li saret intervista lil ohra.

18.5.3 Bhala konkluzzjoni kien se jsir komunikat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar ir-rizultat ta' din l-intervista, u l-Kunsill ta l-fakulta lil Bord sabiex jadotta d-decizjonijiet li jaghti d-Dipartiment.

**18.6 Diskussjoni dwar Sejhiet ta' Offerti**

18.6.1 Il-Kunsill unanimament qabel li dan l-*item* ghandu jigi diskuss f'laqgha separata u li tkun tinkludi dan bhala l-uniku *item* fuq l-agenda.

**18.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Kwotazzjonjiet**

18.7.1 Il-Kunsill kien infurmat li sar il-ftuh ta' tlett kwotazzjonijiet.

18.7.2 Fir-rigward ta' kwotazzjoni numru 7/2011, il-Kunsill kien infurmat li ma ntefat l-ebda kwotazzjoni ghal kiri ta' garaxx.

18.7.3 Fir-rigward ta' kwotazzjoni numru 8/2011, fejn kienet ricevuta kwotazzjoni wahda minghand *Urban Projects Ltd* ghal prezz ta' €11.65 fis-siegha, il-Kunsill unanimament qabel li jhalli d-decizjoni tieghu ghal laqgha ohra minhabba li seta jkun hemm xi zviluppi dwar diversi talbiet li ghamel ghal haddiema biex jaghmlu xoghlijiet ta' manutenzjoni fil-lokalita.

18.7.4 Fir-rigward ta' kwotazzjoni numru 8/2011 ghal xiri ta' vettura, fejn kienet ricevuta kwotazzjoni wahda minghand *Burmarrad Commercials Ltd*, il-Kunsill unanimament qabel li din ma tigix

accettata peress li ma kinitx offruta vettura li ghandha l-ahjar uzu ghal dak li jrid il-Kunsill.

18.7.5 Il-laqgha kienet sospiza ghal hames minuti (7.00pm sa 7.05pm)

**18.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Xoghlijiet u Attivitajiet**

18.8.1 Il-Kunsill unanimament approva li jsiru xoghlijiet ta' *patching* f'diversi toroq f'San Gwann skont ir-rapport tal-Perit tal-Kunsill kif ukoll xi xoghlijiet ohra fi Triq San Giljan, mill-kuntrattur tal-Kunsill, *Dimbors Limited*.

18.8.2 Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-korsijiet ta' tahrig dwar l-informatika taht l-iskema prezenti li l-Kunsill ghandu ma' *TCTC Limited*.

18.8.3 Il-Kunsill approva li jinghata kors fil-*first aid* lill-ghalliem minn kull sena tal-iskejjel kollha f'dan San Gwann, u li ghalhekk se tinhareg sejha lil kull skola.

18.8.4 Il-Kunsill approva li jsiru tabelli tat-traffiku *(timed parking)* li kienu ezistenti quddiem *Aroma Confectionary*.

**Emendat Laqgha 20**

18.8.5 Il-Kunsill approva li jsir l-installazzjoni ta' tabelli tal-ismijiet tat-toroq minghand il-kumpanija *Conmal*.

18.8.6 Il-Kunsill qabel li jsiru diskussjonijiet mal-awtoritajiet koncernati sabiex issir riallokazzjoni tal-*bus stop* quddiem il-kazin tal-banda.

18.8.7 Il-Kunsill qabel li jinxtraw l-uniformijiet ghal *helpers* tad-*day centre* ghall-anzjani.

18.8.8 Il-Kunsill qabel, b'erbgha voti favur u wiehed kontra, li ssir proposta lil Kumitat tat-Tismija tat-Toroq sabiex it-toroq arterjali kollha f'San Gwann ikollhom isem wiehed u li dan ikun "Triq il-Papa Gwanni Pawlu t-Tieni".

18.8.9 Il-Kunsill qabel li ssir tiswija tat-triq fi Triq l-Assemblea Nazzjonali.

18.8.10 Il-Kunsill qabel li l-kumpanija *Urban Projects Limited* twettaq xoghlijiet ta' emergenza fis-sistema tad-drenagg tal-latrina pubblika.

18.8.11 Kien approvat li jsiru diversi xoghlijiet fi Triq P. Galea, Triq il-Gawdieri, Triq taz-Zwejt u Triq G. Preca fir-rigward ta' tabelli tat-traffiku.

18.8.12 Il-Kunsill kien infurmat b'ilmenti li dahlu dwar nuqqas ta' knis fiz-zona ta' Ta' Zwejt, fejn il-*Contracts Manager* kien se jigi mitlub jinvestiga l-kaz.

18.8.13 Kien hemm qbil li l-Pulizija jigu nfurmati bin-nuqqas ta' resident li jaqta s-sigar li kienu hergin mill-propjeta tieghu u li dawn qed ikunu ta' periklu peress li qed jghattu tabella tat-traffiku fi Triq il-Kappucini.

18.8.14 Il-Kunsill kien mgharraf li saru xoghlijiet fid-dwal tal-Gnien Karen Grech.

**18.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Skeda ta' Pagementi**

18.9.1 Il-Kunsill kien ipprezentat bl-iskedi ta' pagamenti numru 39, u li kopja taghhom hi anessa ma' dawn il-Minuti.

18.9.2 Fir-rigward tal-hrug ta' certifikat mill-perit tal-Kunsill lil MEPA relatat ma' zvilupp li jkun sar f'San Gwann kien hemm qbil unanimu li minn issa 'l quddiem ghandu jkun il-kuntrattur li jaghmel tajjeb ghal hlas professjonali tal-Perit.

18.9.3 Il-Kunsill ma qabilx li jsir hlas ghal-kont mibghut minghand *ARMS Limited* peress li tali servizz ma jezistix fil-mithna ta' taht l-art.

18.9.4 Il-Kunsill qabel li jinstab fornitur iehor sabiex isiru *tender boxes* godda.

18.9.5 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din il-mozzjoni:

*18.9.6 "Il-Kunsill japprova l-iskeda ta' pagamenti numru 39 ghajr ghal pagament mitlub minn ARMS Limtied."*

18.9.7 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Rita Saliba u ghadidiet unanimament.

18.9.8 F’dan l-istadju (8.20pm), is-Sindku aggorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 4 ta’ April, 2011, sabiex jiġi diskuss l-ewwel *item* fuq l-agenda.

Konfermati, illum __ Mejju, 2011

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello DuPius | Adrian Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |